MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2013

Talba Numru. 369/2012

**Ballut Bloks Services Limited**
**C 8360**

**Vs**

**Attard Roger**
**I.D. 281473(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-Talba fl-ismijiet premessi pprezentat fit-18 ta’ Mejju, 2012 fejn is-socjeta’ attrici talbet is-somma ta’ tliet elef mitejn u wiehed u sebghin ewro u centezmu (€3,271.01) mitluba b’dan l-avviz tirrapprezenta bilanc dovut lis-socjeta’ attrici mill-konvenut ghall-kiri ta’ trencher lill-konvenut mis-socjeta’ attrici fuq inkarigu tal-istess,

skont ma jidher mill-anness statement (Dok ‘BBS1’) u mill-invoices relattivi (Dok ‘BBS2’).

Illi minkejja d-diversi interpellazzjonijiet, il-konvenut baqa’ inadempjanti u ghaldaqstant kellhom jittiehdu dawn il-proceduri.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali mibghuta mis-socjeta’ attrici lill-konvenut ai termini tal-Artikolu 166A Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta, datata 22 ta’ Novembru, 2011, u tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju prezentat kontestwalment, bl-imghax legali sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut, bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici ghas-subizzjoni tal-konvenuti sabiex iwiegbu ghalihom bil-gurament tieghu u biex b’hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artiklu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili)

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tal-14 ta’ Dicembru, 2012 u lanqas ghas-seduta ta’ llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici fis-seduta tal-14 ta’ Dicembru, 2012 u filfatt il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvat, it-Tribunal jilqa’ it-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tliet elef mitejn u wiehed u sebghin ewro u centezmu (€3,271.01) bl-imghax legali sad-data tal-effettiv pagament.
Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali mibghuta mis-socjeta’ attrici lill-konvenut ai termini tal-Artikolu 166A

Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta, datata 22 ta’ Novembru, 2011, u tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju prezentat kontestwalment ikunu a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------